# 60. Ma Nafx Għaliex...

Ma nafx għaliex id-dehra xehbenija
tal-baħar kollu ħrief jogħlew mar-riħ
iżjed inħobb mill-firxa kaħlanija
tal-baħar taħt ix-xemx, bnazzi, sabiħ;

U l-għanja mqanqla tal-mewġiet xitwija
jitkissru fuq il-blat b'għajta ta' uġigħ
iżjed inħobb mill-għanja ferreħija
tal-mewġ jilgħab ġoċ-ċagħ'q, ġwejjed, fewwieħ;

Forsi għaliex id-dehra xehbenija
xbieha ta' ħajti, li bi lwien sewdiena
qed tħażżeż id il-ġrajja bla sbuħija;

U l-karba tal-mewġiet dlonk tfisser sewwa
il-għanja ta' ġo qalbi, li waħdiena
tidwi bil-mod il-mod, bla ferħ, bla ħlewwa?